



**DEĊIŻJONI TAL-BORD TAT-TMEXXIJA  
TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA  
LI TADOTTA L-BAĖIT EMENDATORJU 2/2023– CT/CA-030/2022/02MT**

IL-BORD TAT-TMEXXIJA TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Entitajiet tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni"), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-22 ta' Settembru 2019 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-028/2019MT),

Billi:

- (1) Kwalunkwe emenda għall-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għandha tkun is-suġġett ta' baġit emendatorju adottat skont l-istess proċedura bħall-baġit inizjali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni;
- (2) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta baġits emendatorji abbażi tal-abbozzi mħejjija mid-Direttur;

ADOTTA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

Il-Baġit Emendatorju 2/2023, kif anness għal din id-deċiżjoni, qiegħed b'dan jiġi adottat.

**Artikolu 2**

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-27 ta' Settembru 2023.

Għall-Bord tat-Tmexxija.

*(firma elettronika)*

Christos Ellinides

Il-President

Anness: Baġit Emendatorju 2/2023



# BAĠIT EMENDATORJU 2/2023

CT/CA-030/2022/02MT

*WERREJ*

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. DĦUL

C. INFIQ

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – ĦARSA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – DETTALJI

ANNES 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

## I. INTRODUZZJONI

### A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

lċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fassal dan il-Baġit Emendatorju 2/2023 f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu tat-22 ta' Settembru 2019. L-għan ta' dan il-baġit huwa li jiġu inklużi l-previżjonijiet aġġornati li waslu mingħand il-klijenti, ir-risultat tar-rieżami tal-partiti tal-infiq kollu li sar miċ-Ċentru, u d-defiċit baġitarju mis-sena preċedenti.

It-trasferimenti li saru sa issa matul l-2023 ġew irreġistrati fil-baġit sabiex tiġi ppreżentata allokazżjoni aġġornata tar-riżorsi. It-trasferimenti huma inklużi fil-kolonna "Baġit Emendatorju 2/2023" fit-Taqsima III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u tal-infiq - dettalji".

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma espressi f'euro.

### B. DĦUL

Bħala riżultat tal-previżjonijiet aġġornati li waslu mingħand il-klijenti għall-2023, id-dikjarazzjoni tad-dħul tinkludi l-emendi li ġejjin.

- Il-previżjonijiet aġġornati tal-klijenti jirriżultaw f'żieda ta' EUR 0.6 miljun fit-Titolu 1 ("Pagamenti mill-aġenziji, uffiċċji, istituzzjonijiet u korpi", inklużi t-trademarks tal-UE). Bħas-soltu, hemm varjazżjonijiet konsiderevoli f'uħud mill-previżjonijiet tal-klijenti.
- Il-previżjoni mill-akbar klijent taċ-Ċentru, l-EUIPO ("Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea"), baqgħet stabbli għat-trademarks tal-UE (Partita 1006) b'EUR 7.8 miljun (187 360 paġna). Għas-servizzi l-oħra kollha ta' traduzzjoni pprovduti lill-EUIPO, (Partita 1005) il-baġit huwa stabbli wkoll b'EUR 4.7 miljun.
- Għadd ta' klijenti naqqsu l-previżjonijiet tagħhom, li rriżulta fi tnaqqis totali ta' EUR 2.5 miljun fid-dħul previst. Seba' klijenti naqqsu l-previżjonijiet tagħhom b'aktar minn EUR 100 000 kull wieħed: FRA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali") b'19.2 % (EUR – 225 100), EACEA ("Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura") bi 28.9 % (EUR – 177 100), EUAA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil") bi 11.5 % (EUR – 306 400), EIOPA ("Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol") b'61.6 % (EUR – 158 600), eu-LISA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja") b'51.5 % (EUR – 621 500), ELA ("Awtorità Ewropea tax-Xogħol") bi 13.9 % (EUR – 306 000) u HaDEA ("Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali") b'97.5 % (EUR – 244 700).
- Għadd ta' klijenti żiedu l-previżjonijiet tagħhom ukoll u dan irriżulta f'żieda totali ta' EUR 3.1 miljun fid-dħul previst. Il-ħames klijenti li ġejjin żiedu l-previżjonijiet tagħhom b'aktar minn EUR 100 000 kull wieħed: EMA ("Aġenzija Ewropea għall-Mediċini") b'26.5 % (EUR 649 900), l-SRB ("Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni") b'69.1 % (EUR 823 600), l-UPPE ("Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew") b'24.3 % (EUR 992 500), il-QUP ("Qorti Unifikata tal-Privattivi") b'EUR 147 000 u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'EUR 232 900.
- Il-previżjoni għat-Titolu 3 ("Kooperazzjoni interistituzzjonali") żdiedet b'EUR 59 200 minħabba żieda fid-dħul għall-ġestjoni tal-bażi ta' *data* interistituzzjonali tat-terminoloġija tal-UE, IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa).
- Il-previżjoni għal "Dħul ieħor", irreġistrat fit-Titolu 4, żdiedet b'EUR 329 100. Dan minħabba żieda fl-ammont previst taħt l-imgħax tal-Bank (Partita 4000) u għal ripagamenti mixxellanji (Partita 4010) wara l-ospitar ta' ċentru tad-*data* għall-ERA ("Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji"), żieda ta' EUR 29 100 fl-ammont previst għal ripagamenti mixxellanji (Partita 4010) li

tikkorrispondi għall-fatturar tas-servizzi tal-Kap Kontabilist taċ-Ċentru lill-ESA (Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom).

- B'riżultat ta' dan id-dħul miżjud flimkien mad-defiċit riportat mill-2022 u t-tnaqqis fl-infiq (prinċipalment fuq il-persunal, it-tagħmir tal-IT u l-konsulenza tal-IT), dan il-Baġit Emendatorju 2/2023 juri tnaqqis ta' EUR 996 913 fl-użu tal-“Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet” (Partita 5015). Dan ifisser li EUR 1 430 787 mill-“Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet” se jintużaw biex jibbilanċjaw dan il-Baġit Emendatorju 2/2023 minflok il-EUR 2 427 700 li kienu previsti preċedentement fil-Baġit Emendatorju 1/2023. Madankollu, iċ-Ċentru ma ttrasferixxa l-ebda ammont mill-“Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni”.

Għaldaqstant, id-dħul totali previst għall-2023 huwa ta' EUR 48.6 miljun, u huwa mqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	45 538 200
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (istituzzjonijiet Ewropej)	757 600
4. Dħul ieħor	845 100
5. Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti u trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	1 430 787
6. Rifużjonijiet	p.m.

It-tabella ta' hawn taħt turi l-previżjoni tad-dħul għall-provvediment ta' servizzi lingwistiċi fl-2023. It-tabella turi l-previżjonijiet tal-2023 ipprovduti mill-klijenti.

	Baġit Emendatorju 2/2023	Baġit Emendatorju 1/2023	Paragun
Numru totali ta' paġni tal-previżjoni tat-trademarks tal-UE	187 360	187 360	0.0 %
Numru totali ta' paġni ta' dokumenti previst	397 181	397 629	-0.1 %
<i>Numru totali ta' paġni</i>	<i>584 541</i>	<i>584 989</i>	<i>-0.1 %</i>
Numru totali ta' listi ta' termini previst	56 013	55 692	0.6 %
Dħul totali previst minn traduzzjonijiet, terminoloġija u listi ta' termini	45 538 200	44 975 700	1.3 %

### C. INFIQ

Flimkien mal-previżjonijiet aġġornati li waslu mingħand il-klijenti, iċ-Ċentru eżamina mill-ġdid l-infiq tiegħu sabiex iħejji dan il-Baġit Emendatorju 2/2023. Iċ-Ċentru għamel sforzi addizzjonali biex jiffranka u jnaqqas l-ispejjeż riflessi fil-Baġit Emendatorju 1/2023. Ir-riżultat ta' dawn l-isforzi skatta tnaqqis ta' -2.7 % fit-Titolu 1-3, tnaqqis ta' -2.5 % fit-Titolu 1 (“Persunal”), tnaqqis ta' -7.3 % fit-Titolu 2 (“Bini, tagħmir u nfiq mixxellanju operazzjonali”), u żieda ta' -1 % fit-Titolu 3 (“Infiq Operazzjonali”). Skont dan, id-dikjarazzjoni tal-infiq tinkludi l-emendi li ġejjin:

- Tnaqqis taħt it-Titolu 1 (“Persunal”) ta' EUR 0.8 miljun (jiġifieri – 2.5 %). Dan it-tnaqqis jikkonċerna prinċipalment il-baġit għall-Kapitolu 11 (“Persunal f'impjeg attiv”) li tnaqqas b'EUR 0.8 miljun (jiġifieri – 2.8 %). Dan huwa spjegat l-aktar mid-deċiżjoni taċ-Ċentru li jiffranka

billi xi pożizzjonijiet vakanti fl-2023 ma jimtlewx. Bħala total, il-baġit għal "Persunal f'impjeg attiv" (Artikolu 110) naqas b'-1.4%.

- Tnaqqis taħt il-Partita 1115, ("Persunal kuntrattwali") ta' EUR 0.5 miljun (jiġifieri – 20.4 %). Dan huwa spjegat l-aktar mid-deċiżjoni taċ-Ċentru li jiffranka billi xi pożizzjonijiet vakanti fl-2023 ma jimtlewx.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Kapitolu 13 ("Missjonijiet u vjaġġar fuq xogħol") ta' EUR 7 700 (jiġifieri – 10.9 %) minħabba ż-żieda fil-laqgħat bil-vidjo.
- Ġiet applikata żieda taħt il-Partita 1410 ("Servizz mediku") ta' EUR 11 600 (jiġifieri 17.8 %) minħabba l-kalkolu mill-ġdid tal-ispejjeż skont in-numru ta' persunal fis-seħħ.
- Ġiet applikata żieda taħt il-Partita 1420 ("Infrastruttura soċjomedika") ta' EUR 69 000 (jiġifieri 10.5 %) minħabba spejjeż oġġa għall-Iskola Ewropea.
- Ġiet applikata żieda taħt il-Partita 1421 ("Relazzjonijiet soċjali") ta' EUR 10 000 minħabba r-rieda li jiġu organizzati mill-ġdid avvenimenti soċjali għall-persunal wara restrizzjonijiet f'dan ir-rigward.
- Ġiet applikata żieda taħt il-Partita 1630 ("Ċentru għat-tfal żgħar") ta' EUR 8 800 (jiġifieri 18.8 %) minħabba l-kalkolu mill-ġdid tal-ispejjeż.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Kapitolu 20 ("Investment fi proprjetà immobbli, kiri ta' bini u spejjeż assoċjati") ta' EUR 45 500 (jiġifieri – 1.4 %) minħabba indiċjar aktar baxx fuq l-ispejjeż tal-bini u r-reviżjoni ta' spejjeż mixxellanji.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Partita 2100 ("Xiri, xogħol fuq, servisjar u manutenzjoni ta' hardware u software") ta' EUR 0.4 miljun (jiġifieri – 16.3 %) minħabba l-isforzi li saru biex jitnaqqas l-akkwist ta' tagħmir tal-IT ġdid, il-liċenzji tas-software tal-utent, u r-reviżjoni 'l isfel tar-rata tal-inflazzjoni abbażi tal-aktar xejriet reċenti. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni ta' tagħmir maġġuri ġiet posposta minħabba kwistjonijiet tekniċi.
- Tnaqqis taħt il-Partita 2120 ("Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni, li-żvilupp u l-manutenzjoni ta' software u sistemi") ta' EUR 138 000 (jiġifieri – 5.7 %) minħabba l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid ta' proġetti tal-IT.
- Ġiet applikata żieda taħt il-Partita 2350 ("Assigurazzjoni mixxellanja") ta' EUR 1 500 (jiġifieri 13.3 %) minħabba kuntratti ġodda dwar assicurazzjoni ta' responsabbiltà.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Partita 2392 ("Assistenza amministrattiva mill-Kummissjoni") ta' EUR 12 000 (jiġifieri 9.2 %) minħabba volumi u spejjeż unitarji riveduti għas-servizzi tal-PMO SLA.
- Tnaqqis taħt il-Kapitolu 24 ("Posta u telekomunikazzjonijiet") ta' EUR 47 000 (jiġifieri – 26.1%). Dan huwa spjegat l-aktar bi tnaqqis fl-akkwist ta' tagħmir u servizzi ġodda ta' komunikazzjoni, u r-reviżjoni 'l isfel tar-rata tal-inflazzjoni abbażi tax-xejriet attwali.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Partita 2600 ("Laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija") ta' EUR 10 000 (jiġifieri – 50.0 %) minħabba l-użu ta' laqgħat ibridi (mill-bogħod u fuq il-post) għall-Bord tat-Tmexxija li jnaqqas l-allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza għall-membri.
- Ġie applikat tnaqqis taħt il-Partita 3000 ("Servizzi ta' traduzzjoni esterni") ta' EUR 30 000 (jiġifieri 0.3 %) minħabba l-aġġustamenti fil-previżjonijiet tal-klijenti, l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi interni u l-kisbiet fil-effiċjenza permezz ta' użu akbar ta' għodod ta' traduzzjoni.

- Żieda taħt il-Partita 3100 (“Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku”) ta’ EUR 61 800 (jiġifieri 8.2 %) minħabba żieda fl-infiq fuq il-ġestjoni tal-bażi ta’ data interistituzzjonali tat-terminoloġija tal-UE, IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa).
- Sabiex jiġi riportat l-eżitu tal-baġit mill-2022, taħt il-Partita 10008, iċ-Ċentru introdotta d-defiċit ta’ EUR 1.2 miljun għal spejjeż fl-2023.
- Trasferimenti baġitarji bejn partiti tal-baġit matul is-sena huma inklużi fil-Baġit Emendatorju 2/2023 kif ġej:

Il-bidliet li ġejjin saru fit-tabella tal-persunal fl-Anness 1:

- Kariga uffiċjali AST 9 inbidlet f’pożizzjoni uffiċjali AD 5. L-uffiċjal li jokkupa l-pożizzjoni AST 9 reċentement irtira u wara valutazzjoni tal-ħtiġijiet tas-servizz ġie konkluż li din il-kariga teħtieġ li timtela minn Amministratur biex it-taqsimha tissaħħaħ b’ħiliet u kompetenzi differenti. Peress li l-pożizzjoni l-ġdida se timtela b’erba’ gradi aktar baxxi, m’hemm l-ebda impatt baġitarju negattiv fir-rigward ta’ din il-bidla. Dawn il-bidliet isiru f’konformità mal-Artikolu 38(1)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, li permezz tiegħu l-Bord tat-Tmexxija jista’, taħt ċerti kundizzjonijiet (eżerċizzju ta’ valutazzjoni komparattiva mwettaq kull sena), jimmodifika t-tabella tal-persunal sa 10 % tal-pożizzjonijiet awtorizzati.

#### SENA BAĠITARJA 2023: TRASFERIMENTI WARA L-APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT INIZJALI 2023

Operazzjoni ta’ kreditu	Data	Mill-partita	Għall-partita	EUR
3089	25/01/2023	3000, “Servizzi esterni tat-traduzzjoni”	3001, “Servizzi tekniċi relatati ma’ servizzi lingwistiċi”	20 000
3092	27/03/2023	2050, “Sigurtà u sorveljanza tal-bini”	2020, “Ilma, gass, elettriku u tişhin”	27 000

#### SENA BAĠITARJA 2023: TRASFERIMENTI WARA L-APPROVAZZJONI TAL-BAĠIT EMENDATORJU 1/2023

3096	03/07/2023	1100, “Salarji bażiċi”	1141, “Spejjeż tal-ivvaġġar għal-liv annwali”	20 000
3098	26/07/2023	2050, “Sigurtà u sorveljanza tal-bini”	2395, “Servizzi oħra pprovduti minn istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE”	1 500

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ – FARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Ammont ġdid 2023	Baġit Emendatorju 2/2023	Baġit Emendatorju 1/2023
	<b>DĦUL</b>			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	45 538 200	562 500	44 975 700
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	0	p.m.
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	757 600	59 800	697 800
4	DĦUL IEĦOR	845 100	329 100	516 000
5	TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	1 430 787	-996 913	2 427 700
	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	0	p.m.
	Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet	1 430 787	-996 913	2 427 700
	Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni	p.m.	0	p.m.
6	RIFUŻJONIJIET	p.m.	0	p.m.
	<b>TOTAL</b>	<b>48 571 687</b>	<b>-45 513</b>	<b>48 617 200</b>
	<b>INFIQ</b>			
1	PERSUNAL	29 803 400	-752 500	30 555 900
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERAZZJONALI MIXXELLANJU	8 015 200	-628 500	8 643 700
3	INFIQ OPERAZZJONALI	9 509 400	91 800	9 417 600
10	FONDI TA' RIŻERVA	1 243 687	1 243 687	p.m.
	Defiċit riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	1 243 687	1 243 687	p.m.
	<b>TOTAL</b>	<b>48 571 687</b>	<b>-45 513</b>	<b>48 617 200</b>

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAL-INFIQ 2023 - DETTALJI

Partita Artikolu Kapitulu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
<b>DĦUL</b>					
1000	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)	201 200	0	201 200	2 267 paġna
1001	Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)	129 000	66 600	62 400	1 944 paġna
1002	Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCCDA)	384 100	0	384 100	4 416-il paġna
1003	Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)	3 101 200	649 900	2 451 300	Dokumenti: 31 332 paġna; listi ta' termini: 5 522 terminu
1004	Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)	682 700	37 300	645 400	7 700 paġna
1005	Uffiċċju tal-Proprietà Intellektwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)	4 731 300	0	4 731 300	Dokumenti: 48 192 paġna; listi ta' termini: 48 050 terminu; Disinji komunitarji: 8 000 terminu
1006	trademarks EUIPO	7 815 200	0	7 815 200	187 360 paġna
1007	Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)	49 500	0	49 500	456 paġna
1008	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	50 700	0	50 700	583 paġna
1009	Fondazzjoni Ewropea għat-Tilgħib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja utax-Xogħol (Eurofound)	379 600	-41 400	421 000	4 320 paġna
<b>100</b>	<b>Artikolu 100</b>	<b>17 524 500</b>	<b>712 400</b>	<b>16 812 100</b>	
1010	Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)	131 000	25 900	105 100	1 347 paġna
1012	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	947 500	-225 100	1 172 600	10 348 paġna
1014	Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)	34 400	34 400	p.m.	45 paġna
1015	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)	225 700	0	225 700	2 595 paġna
1016	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	1 961 800	0	1 961 800	22 022 paġna
1017	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)	80 600	0	80 600	902 paġni



Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1018	Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)	84 800	52 500	32 300	1 034 paġna
1019	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)	278 500	0	278 500	3 201 paġna
<b>101</b>	Artikolu 101	3 744 300	-112 300	3 856 600	
1020	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)	149 700	0	149 700	1 721 paġna
1021	Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)	473 300	-3 800	477 100	5 150 paġna
1022	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)	2 948 500	0	2 948 500	33 891 paġna
1023	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA)	435 000	-177 100	612 100	4 646 paġna
1024	Aġenzija Eżekuttiva għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (EisMEA)	59 000	0	59 000	672 paġna
1025	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	56 400	15 500	40 900	736 paġna
1026	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea)	p.m.	0	p.m.	
1027	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)	35 900	-74 800	110 700	408 paġni
1028	Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA)	14 700	10 000	4 700	173 paġna
1029	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)	1 600 900	-81 200	1 682 100	18 220 paġna
<b>102</b>	Artikolu 102	5 773 400	-311 400	6 084 800	
1030	Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)	150 200	-74 700	224 900	Dokumenti: 1 685 paġna; listi ta' termini: 48 terminu
1031	Impriża Konġunta Ewropea tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU)	51 800	0	51 800	596 paġna
1032	Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen)	p.m.	0	p.m.	
1033	Aġenzija Eżekuttiva għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA)	16 700	0	16 700	183 paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1034	Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	6 900	0	6 900	78 paġna
1035	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA)	33 800	0	33 800	360 paġna
1036	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA)	523 000	0	523 000	6 012-il paġna
1037	Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (Clean Aviation JU)	3 900	0	3 900	30 paġna
1038	Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)	26 300	-24 500	50 800	299 paġna
1039	Impriża Konġunta Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew 3 (SESAR 3 JU)	48 100	-1 600	49 700	545 paġna
<b>103</b>	Artikolu 103	860 700	-100 800	961 500	
1042	Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI JU)	5 000	0	5 000	Dokumenti: 48 paġna; listi ta' termini: 192 terminu
1043	Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean Hydrogen JU)	1 900	0	1 900	22 paġna
1045	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)	2 351 600	-306 400	2 658 000	Dokumenti: 25 346 paġna; listi ta' termini: 161 terminu
1046	Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	217 100	-77 200	294 300	2 345 paġna
1047	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	490 900	-2 000	492 900	5 928 paġna
1048	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	854 100	-4 600	858 700	9 772 paġna
1049	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	98 900	-158 600	257 500	1 035 paġna
<b>104</b>	Artikolu 104	4 019 500	-548 800	4 568 300	
1050	Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (Uffiċċju BEREC)	59 800	-79 900	139 700	954 paġna
1051	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	585 700	-621 500	1 207 200	Dokumenti: 7 013-il paġna

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1052	Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU)	4 200	0	4 200	48 paġna
1053	Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi) (MAOC (N))	p.m.	0	p.m.	
1054	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)	2 016 200	823 600	1 192 600	16 200 paġna
1055	Skejjel Ewropej	64 200	0	64 200	738 paġna
1056	Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU)	10 600	0	10 600	120 paġna
1057	Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (Europe's Rail JU)	p.m.	0	p.m.	
1058	Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ESAs-JC)	p.m.	0	p.m.	
1059	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU)	5 600	0	5 600	72 paġna
<b>105</b>	<b>Artikolu 105</b>	<b>2 746 300</b>	<b>122 200</b>	<b>2 624 100</b>	
1060	Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	1 895 000	-306 000	2 201 000	21 456 paġna
1061	Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)	5 071 900	992 500	4 079 400	Dokumenti: 45 760 paġna; Servizz tat-Traduzzjoni Personalizzata ddedikat
1062	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)	6 300	-244 700	251 000	72 paġna
1063	Qorti Unifikata tal-Privattivi (OUP)	147 000	147 000	p.m.	1 690 paġna
<b>106</b>	<b>Artikolu 106</b>	<b>7 120 200</b>	<b>588 800</b>	<b>6 531 400</b>	
1099	Dħul minn klijenti ġodda	p.m.	0	p.m.	
<b>109</b>	<b>Artikolu 109</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	
<b>10</b>	<b>PAGAMENTI MILL-AĠENZJI, L-UFFIĊĊJI U L-KORPI</b>	<b>41 788 900</b>	<b>350 100</b>	<b>41 438 800</b>	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1100	Kummissjoni Ewropea	1 160 500	0	1 160 500	Dokumenti: 13 339 paġna II-volum għad-dokumenti jinkludi I-volumi stmati għad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi, id-DĠ Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u d-DĠ GROW Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, I-Industrija, I-Intraprenditorija u I-SMEs.
1101	Parlament Ewropew	4 100	4 100	p.m.	36 paġna
1102	Kunsill tal-Unjoni Ewropea	323 200	0	323 200	3 715-il paġna
1103	Qorti Ewropea tal-Awdituri	245 500	232 900	12 600	392 paġna
1104	Kumitat Ewropew tar-Reġjuni	9 200	9 200	p.m.	95 paġna
1105	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	1 300	1 300	p.m.	14-il paġna
1106	Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	4 100	4 100	p.m.	38 paġna
1107	Bank Ċentrali Ewropew	37 300	-28 700	66 000	282 paġna
1108	Ombudsman Ewropew	232 000	-10 500	242 500	2 640 paġna
1109	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)	1 732 100	0	1 732 100	19 909 paġni
<b>110</b>	<b>Artikolu 110</b>	<b>3 749 300</b>	<b>212 400</b>	<b>3 536 900</b>	
<b>11</b>	<b>PAGAMENTI MILL-ISTITUZZJONIJIET</b>	<b>3 749 300</b>	<b>212 400</b>	<b>3 536 900</b>	
<b>1</b>	<b>PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĈĠI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI</b>	<b>45 538 200</b>	<b>562 500</b>	<b>44 975 700</b>	<b>L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.</b>
2000	Sussidju mill-Kummissjoni	p.m.	0	p.m.	
<b>200</b>	<b>Sussidju mill-Kummissjoni</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	<b>L-Artikolu 10(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.</b>
<b>20</b>	<b>SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	
<b>2</b>	<b>SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
3001	Parteċipazzjoni fil-Kumitat Interistituzzjonali għat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI)	p.m.	0	p.m.	
3002	Ġestjoni ta' proġetti interistituzzjonali	757 600	59 800	697 800	Din il-partita tkopri dħul riċevut minħabba l-ġestjoni ta' Ċentru ta' proġetti interistituzzjonali, b'mod partikolari l-proġett IATE.
<b>300</b>	<b>Kooperazzjoni interistituzzjonali</b>	<b>757 600</b>	<b>59 800</b>	<b>697 800</b>	
<b>30</b>	<b>KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI</b>	<b>757 600</b>	<b>59 800</b>	<b>697 800</b>	
<b>3</b>	<b>KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI</b>	<b>757 600</b>	<b>59 800</b>	<b>697 800</b>	
4000	Imgħax bankarju	500 000	300 000	200 000	
<b>400</b>	<b>Imgħax bankarju</b>	<b>500 000</b>	<b>300 000</b>	<b>200 000</b>	Dan l-artikolu jkopri mgħax li ċ-Ċentru jirċievi fil-kontijiet bankarji tiegħu.
4010	Ripagamenti mixxellanji	175 100	29 100	146 000	
<b>401</b>	<b>Ripagamenti mixxellanji</b>	<b>175 100</b>	<b>29 100</b>	<b>146 000</b>	Dan l-artikolu jkopri r-ripagamenti mixxellanji, inkluż dħul mis-sullokazzjoni tal-ispazji tal-parkeġġ u l-ospitar ta' ċentru tad- <i>data</i> lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew.
4020	Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu	170 000	0	170 000	Din il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Lussemburgu hija b'sostenn tat-tariffi ta' kiri annwali ta' Ċentru.
<b>402</b>	<b>Kontribuzzjonijiet oħra</b>	<b>170 000</b>	<b>0</b>	<b>170 000</b>	
<b>40</b>	<b>DĦUL IEĦOR</b>	<b>845 100</b>	<b>329 100</b>	<b>516 000</b>	
<b>4</b>	<b>DĦUL IEĦOR</b>	<b>845 100</b>	<b>329 100</b>	<b>516 000</b>	
5000	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti	p.m.	0	p.m.	Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Finanzjarju ta' Ċentru tat-22 ta' Settembru 2019.
<b>500</b>	<b>Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	
5010	Trasferiment minn "Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni"	p.m.	0	p.m.	It-trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għal investimenti ta' eċċezzjoni" jikkorrispondi għall-infiq fil-Kapitolu 32, "Infiq relatat mal-programm eCdT".

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
5015	Trasferiment minn "Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet"	1 430 787	-996 913	2 427 700	It-trasferiment mill-"Fond ta' riżerva għall-istabilità fil-prezzijiet" huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit.
<b>501</b>	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	1 430 787	-996 913	2 427 700	
50	<b>SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI</b>	1 430 787	-996 913	2 427 700	
<b>5</b>	<b>SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI</b>	1 430 787	-996 913	2 427 700	
6000	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	0	p.m.	
<b>600</b>	Rifużjonijiet lill-klijenti	p.m.	0	p.m.	
60	<b>RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI</b>	p.m.	0	p.m.	
<b>6</b>	<b>RIFUŻJONIJIET</b>	<b>p.m.</b>	<b>0</b>	<b>p.m.</b>	
	<b>Dħul Totali</b>	<b>48 571 687</b>	<b>-45 513</b>	<b>48 617 200</b>	
<b>INFIQ</b>					
1100	Salarji bażiċi	17 207 800	-278 600	17 486 400	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju.
1101	Allowances għall-familja	1 600 800	-5 300	1 606 100	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62, 67 u 68 tagħhom, u t-Taqsima I tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-allowances għall-familja, għall-ulied dipendenti u għall-edukazzjoni għal uffiċjali u għal persunal temporanju.
1102	Allowances għal espatrijazzjoni u għal residenza barranija	2 779 000	-30 800	2 809 800	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 69 tagħhom, u l-Artikolu 4 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-allowances għal espatrijazzjoni u għal residenza barranija għal uffiċjali u għal persunal temporanju.

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1103	Allowances segretarjali	11 000	2 400	8 600	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tal-Anness XIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-allowance segretarjali mħallsa lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju fil-kategorija AST impjegati bħala tajpisti stenografici jew tajpisti, operaturi ta' telex, kompożituri tat-tipi, segretarji eżekuttivi jew segretarji prinċipali, li kienu intitolati jirċevuha fix-xahar ta' qabel l-1 ta' Mejju 2004.
<b>110</b>	Persunal f'impjeg attiv	21 598 600	-312 300	21 910 900	
1113	Trainees	p.m.	0	p.m.	Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq relatat ma' trainees.
1115	Persunal kuntrattwali	1 754 200	-450 700	2 204 900	Il-Kundizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3a u t-Titolu IV tagħhom.
<b>111</b>	Persunal kuntrattwali u trainees	1 754 200	-450 700	2 204 900	Dan l-artikolu kien preċedement imsejjaħ "Persunal awżiljarju u persunal lokali".
1120	Taħriġ professjonali tal-persunal	105 000	0	105 000	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.
<b>112</b>	Taħriġ professjonali tal-persunal	105 000	0	105 000	
1130	Assigurazzjoni kontra l-mard	611 400	12 800	598 600	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 72 tagħhom. Regoli dwar l-assigurazzjoni kontra l-mard għal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
1131	Assigurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol	84 000	-4 000	88 000	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 73 tagħhom u l-Artikolu 15 tal-Anness VIII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assicurazzjoni kontra aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol.
1132	Assigurazzjoni kontra l-qgħad	159 200	4 400	154 800	Il-Kundizzjonijiet tal-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28a tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex persunal temporanju jiġi assigurat kontra l-qgħad.
1133	Kostituzzjoni jew żamma tad-drittijiet għal pensjoni	p.m.	0	p.m.	Il-Kundizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 42 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-pagamenti miċ-Ċentru f'isem l-uffiċjali u l-persunal temporanju biex jiġu kostitwiti jew jinżammu d-drittijiet tagħhom għal pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.
1134	Kontribuzzjoni għall-iskema Komunitarja tal-pensjoni	3 798 400	-118 200	3 916 600	Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur taċ-Ċentru għall-iskema Komunitarja tal-pensjoni.
<b>113</b>	Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-impjegatur	4 653 000	-105 000	4 758 000	

Partita Artikolu Kapitolu Titolu	Deskrizzjoni	Ammont ġdid 2023	Baġit emendatorju 2/2023	Baġit emendatorju 1/2023	Rimarki
1140	Allowances u għotjiet f'każ ta' twelid u ta' mewt	1 600	200	1 400	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 70, 74 u 75 tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri: — appropriazzjonijiet għal għotjiet għal twelid għal ffall ta' persunal li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom m'għandhom l-ebda provvediment għal din it-tip ta' għotja; — fil-każ ta' mewt ta' uffiċjal, il-pagament tar-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sat-tmiem tat-tielet xahar wara x-xahar li fih miet u l-ispiża tat-trasport tal-mejjet għall-post ta' oriġini tal-uffiċjal. Fil-każ ta' mewt, l-appropriazzjonijiet korrispondenti jiġu trasferiti mill-partita 1100.
1141	Spejjeż tal-ivvjaġġar għal-liv annwali	274 400	20 000	254 400	Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tal-Anness VII tagħhom. Din l-appropriazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-ispejjeż b'rata fissa tal-ivvjaġġar għal uffiċjali jew persunal temporanju, għall-konjuġi u d-dipendenti tagħhom, mill-post tal-impieg tagħhom sal-post tal-oriġini tagħhom.
